MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 237/2012

Appell Numru: 237/2012

Il-Pulizija

[Spettur M'Stella Attard]

Vs

Konrad Mark D'Anastasi

Illum, 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Konrad Mark D'Anastasi, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 73683M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-1 ta' Jannar, 2011 ghal-habta ta' 01.30a.m f 'Ta' Qali. Limiti ta H'Attard;

1. Soqt jew ipprovajt issuq jew kellek kontroll ta' vettura Nru. DAV459 fit-triq jew f' post pubbliku meta ma kontx f' kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi;

2. W' aktar talli soqt, ipprovajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura Nru. DAV-459 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsmajt tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

Il-prosekuzzjoni titlob li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji koliha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien mhux inqas mum sitt xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' April, 2012 fejn il-Qorti rat l-Artikoli tal-Ligi ossia Artikoli 15A u 15B tal-Kap 65;

Peress illi m'hemm ebda dubju li l-imputat kien qed isuq il-vettura u ma kienx fi stat li jsuq;

Peress illi ghalhekk il-kaz gie ampjament ippruvat;

Il-Qorti, issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi koliha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' Multa ta' elf u mitejn ewro (€1,200) u sospenzzjoni tal-licenzja ghal zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant Konrad Mark D'Anastasi minnu pprezentat fis-7 ta' Mejju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza sudett u tilliberah minn kuil piena w imputazzjoni skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant w cioe':-

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi hija l-fehma umli tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma setghatx ragonevolment issib htija fil-konfront tal-appellant u dan ghar-ragunijiet li ser jigu hawn esposti:

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u skartat it-tezi tad-difiza meta l-fatti juru b'mod car illi l-appellant m'huwiex hati tal-akkuzi migjuba kontrih.

Illi jibda biex jinghad illi, kif gia irrilevat u kif jirrizulta mill-provi dedotti quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant ibghati mill-kundizzjoni medika ta' severe asthma, u tali kondizzjoni, jekk ma tigix ikkurata, timmanifesta ruhha f'sintomi serji hafna. Tali konsegwentament l-appellant ikollu jiehu serje ta' medicinali, ossia anti-histamines, propju sabiex jikkontrolbow u/jew jipprevenu is-sintomi serji ta' tali kondizzjoni.

Illi kif jirrizulta ukoll bl-aktar mod car u manifest mill-provi migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-prezenza fid-demm ta' dawn l-hekk imsejha anti-histamines tohloq probabilita' kbira - kwazi assoluta'- illi kwalunkwe test tal-breathaliser illi jittiehed fuq persuna illi tiehu l-imsemmija anti-istamini jghati rizultat false-positive. Fi kliem iehor, tezisti probabilita' kbira illi, f'kaz illi persuna illi fuqha isir il-breathiliser test, ghalkemm ma tkunx ikkonsmat alkohol, tkun hadet medicinali

kontenenti l-anti-istaminii, ir-rizultat tal-breathiliser jkun jindika livell gholi ta' alkohol, meta fir-rejalta' ikunu l-anti istamini illi jkunu qed jghatu dan ir-rizultat. liii in sostenn ta' dan il-fatt, l-appellant ipprezenta ukoll rapport mahrug minn espert mediku illi jispjega fid-dettal l-effet tal-anti-histamini fuq it-testijiet tal-breathiliser.

Illi in vista tal-premess, l-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni - cioe' t-test tal-breathiliser - certament illi ma setghatx titqies bhala prova illi, fiha inifisha, tikkonferma, lill-hinn minn kwalunkwe dubju ragjonevoli, il-htija tal-appellant fir-rigward tal-akkuzi migjuba kontrih.

Illi in oltre, kif jirrizulta ukoll mill-provi dedotti quddiem il-Qorti tal-prim'istanza, qabel mat-test tal-breathiliser ta' rizultat pozittiv, l-imsemmi test kien gia gie amministrat tlett darbiet ohra fuq l-appellant u kull darba b'rizultat negattiv; kien biss fir-raba tentattiv illi l-breathiliser ta' rizultat pozittiv. Illi dan kollu jkompli jikkonferma sia l-inattendibilita' ta' tali test u kif ukoll l-fatt illi appellant ma kien ikkonsma l-ebda alkohol u kien biss per konsegwenza tal-perenza tal-anti-histamines fis-sistema cirkolari tal-appellant illi, wara erba' tentattivi, il-breathiliser ta' rizultat pozittiv.

Illi in oltre il-prosekuzzjoni ma ressqu assolutament l-ebda prova illi l-appellant, qabel ma gie amministrat it-test tal-breathiliser, kien qed juri xi sintomi ta' persuna fis-sakra. L-appellant kien qed isuq b'mod regolari u kien pjenament konxju ta' dak illi kien qed jigri madwaru; dan kollu ikompli ikkonferma l-istat sobriju illi l-appellant kien fih qabel ma gie amministrat it-test tal-breathiliser.

Illi di piu hemm kunflitt car fil-provi ta' kif sehhet il-vicenda fis-sens li ghalkemm fl-affidavit l-ispettur jghid li kien hu li waqqaf 1-imputat fil-verita l-imputat u t-tfajla tieghu xehedu bl-akatar mod car illi mhux minnu li l-ispettur waqqfu imma kuntistabbli iehor u l-ispettur gie biss hdejn l-imputat kwazi aktar minn siegha wara.

Illi apparti minn hekk jinghad ukoll illi tant l-esponent irnexxielu johloq dubju fil-provi illi wara li inghalqu l-provi tad-difiza u allura l-kawza keliha tithalla ghat-trattazzajoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza deherilha li kellha tisma lill-ispettur viva voce il-che kien ifisser illi tant l-esponent irnexxielu johloq dubbju li l-Qorti stess hasset il-bzonn li tisma aktar xhieda.

Illi ghaklhekk huwa car illi l-appellant irnexxielu johloq dubbju fil-provi.

Illi in vista tal-premess, l-Qorti ma setghet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinciment morali li l-appellant huwa tassew hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;
Salv jekk ikun il-kaz aggravji ohra;

Ikkunsidrat,
Irrizulta mill-provi illi fl-ewwel (1) ta' Jannar tal-elfejn u hdax (2011) ghal habta tas-siegha u nofs ta' filghodu (1.30 a.m.) l-appellant kien qed isuq il-vettura DAV-459 hiereg mill-car park ta' Ta' Qali wara avveniment li kien qed isir f'Numero Uno. Hemmhekk gie mwaqqaf mill-ex spettur tat-traffiku Stephen Micallef li kien qed jorganizza spot checks ghall-abbuz tal-alkohol. Meta l-appellant hareg mill-karozza l-Ispettur Micallef, "... innotajt illi dan is-sewwieq tal-imsemmija vettura kien qed jagixxi b'mod mhux normali ..." (ara affidavit fol 2). Kellu wkoll "slurred speech". L-Ispettur Micallef innota illi l-appellant seta' kien xurban meta kellmu izda mhux ghax ghamel xi haga hazina. Fil-fatt l-appellant ittiehed ghall-breathalyzer test u hemmhekk irrizulta illi kien 0.94 ug/100ml illi huwa hafna oghla mil-limitu preskritt mil-ligi (0.34 ug/100ml).

Ghalhekk l-appellant tressaq il-Qorti biex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'sentenza tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tal-elfejn u tnax (2012) gie misjub hati, ikkundannat multa ta' elf u mitejn ewro (€ 1,200) kif ukoll sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien sitt xhur.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell peress illi deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u skartat it-tezi tad-Difiza dwar kondizzjoni medika u ghalhekk l-appellant ma kellux jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat:

It-tezi tal-appellant kienet illi huwa jbaghti minn severe asthma u peress illi jiehu "antihistamines" dawn jistghu jkollhom l-effett illi jekk ikun hemm xi alkohol fid-demm dana jibqa' fid-demm aktar min-normal u peress illi filghodu l-appellant kien attenda riceviment tal-ufficcju fejn kien ha xi birer jista' jkun illi l-alkohol ta' dawn il-birer dam aktar fid-demm milli suppost u b'hekk dehru fil-breathalyzer test meta fil-fatt ma kellhomx jidhru.

Ikkunsidrat:

Hu principju bazilari illi min jallega jrid jipprova. L-appellant qieghed jallega illi l-"antihistamines" illi jiehu jinducu fih sintomi simili ghal min ikun ecceda l-livell tal-alkohol fid-demm. Bhala prova ta' dan l-appellant esebixxa print-out mehud minn fuq l-internet fol 6 tal-process. Dan il-print-out mhuwiex awtentikat bhalma lanqas hu awtentikat l-isem tal-espert illi qieghed jiddikjara dak illi hemm imnizzel. Il-prova illi jrid iwettaq l-appellant hija fuq bazi ta' probabilità, x'aktar iva milli le, izda l-Qorti jidhrilha illi l-appellant ma rnexxilux jasal sa dik il-prova biex ikollu success ghad-difiza tieghu. Il-Qorti ma tistax torbot fuq dokument mhux awtentika b'origini jew provenjenza suspetta. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi din id-difiza tal-appellant ma tistax treggi u jibqa' l-fatt illi meta gie mwaqqaf mill-pulizija huwa u hiereg mill-car park ta' Numero Uno dan kellu livell ta' alkohol fid-demm oghla minn dak preskritt mil-ligi.

L-appellant gie addebitat b'zewg akkuzi, wahda illi ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi u t-tieni talli saq jew ipprova jsuq f'post pubbliku wara li ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs kien izjed mil-limiti preskritt.

Rigward l-ewwel akkuza jrid jigi ippruvat illi l-appellant ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba d-droga jew l-alkohol. L-Ispettur Micallef jghid illi meta waqqaf lill-appellant dan ma kienx qed isuq hazin u induna biss li kellu x-xorb mis-"slurred speech" u l-imgieba tieghu. Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Keith Aquilina" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Novemberu 2009 il-Qorti qalet "biex din l-akkuza tissussiti, li jrid jigi ippruvat illi l-imputat Keith Aquilina ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju ... li l-imputat kien xurban, izda jekk minhabba f'hekk ma kienx f'kondizzjoni li jsuq hija xi haga li kellha tigi ippruvata." Din il-Qorti tinnota illi mkien ma rrizulta illi l-appellant kien qed isuq hazin. Fil-fatt l-Ispettur Micallef jghid kategorikament illi dan ma kienx il-kaz u li gieh suspett illi l-appellant seta kien xurban biss meta kellmu u induna li kellu rieha ta' xorb u ma kienx qed jagixxi b'mod normali. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-appellant ma kellux jinstab hati tal-ewwel akkuza.

Izda t-tieni akkuza hija differenti. Wara breathalyzer test regolari irrizulta illi l-appellant kien oltre l-limitu preskritt mil-ligi. L-iskuza illi dan kien dovut ghal xi antihistamines ma tistax treggi, bhalma lanqas tista' treggi x-xhieda moghtija minn Emma D'Anastasi, mart l-appellant, meta tghid illi filghaxija xorbu biss Red Bull u li kien qieghed jagixxi b'dak il-mod il ghaliex kien ghajjien. Bir-rispett ir-Red Bull ikollu l-effett oppost tax-xorb u suppost huwa intiz biex itik energija meta tkun ghajjien halli inti tkun tista' tkompli ghaddej bl-attività illi tkun qed taghmel izda zgur illi ma taghmlekx ghajjien u lanqas ma toghla l-livell tal-alkohol fid-demm.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi t-tieni akkuza hija pruvata u l-appellant kellu jinstab hati taghha.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena l-appellant argumenta illi huwa jahdem bhala workshop manager. Jekk jitlef il-licenzja jitlef ix-xoghol u l-ewwel Qorti kellha timponi piena alternattiva ghal dan.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Is-sospensjoni tal-licenzja hija xi haga tassattiva konsegwenza tal-piena u l-Qorti ma kellhiex triq ohra hlief illi timponi tali sanzjoni. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Paul Azzopardi" deciza fl-4 ta' Awwissu 2006 il-Qorti qalet il-fatt illi driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghajxien tieghu "ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin." Din is-sanzjoni tapplika ukoll meta persuna ssuq jew tipprova ssuq vettura wara li jkun ikkunsmat alkohol oghla mil-limitu preskritt mil-ligi. Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda s-sanzjoni tas-sospensjoni l-ewwel Qorti ghamlet sew meta imponiet din il-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' in parti l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah, izda tikkonfermaha fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni b'dana illi flok multa ta' elf u mitejn ewro (€ 1,200) tikkundanna lill-appellant ghall-multa ta' tmien mitt ewro (€ 800), kif ukoll tikkonferma s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien sitt (6) xhur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------